# Qorti tal-Magistrati
# (Ghawdex)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Magistrat : Dr. Paul Coppini LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Lulju, 2002 .

Kumpilazzjoni Numru : 31/2002 .

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

Vs

Loreto Zerafa ta' 29 sena, bin Loreto u Emanuela nee' Cini, imwieled Victoria, Ghawdex, fil-11 ta' Awissu, 1972, u joqghod 47 Triq il-Gnien, Ghajnsielem, detentur ta' Karta' ta' Identita' Numru 20172 (G) .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-imsemmi Loreto Zerafa gie akkuzat talli nhar il-Hadd 14 ta' Lulju, 2002, fil-bajja tax-Xatt l-Ahmar limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, kkommetta serq ta' flus kontanti u arlogg ta' l-idejn tal-ghamla Freestyle ta' valur ta' anqas minn mitt lira Maltin, a detriment ta' Kimberly Rollins u Matthew Propert, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruga, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 271 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta .

Talli wkoll nhar il-Hadd 14 ta' Lulju, 2002, u fil-granet ta' qabel, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' l-oggetti hawn fuq imsemmija a detriment ta' Kimberly Collins u Matthew Propert, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Rat id-dokumenti esebiti mill-ispettur Curmi, u cioe' stqarrija rilaxxjata lill-pulizija minn l-istess imputat fis-16 ta' Lulju, 2002, stqarrija ffirmata minn l-istess imputat Loreto Zerafa .

Rat ukoll il-fedina penali ta' l-istess akkuzat, u d-dokumenti l-ohra annessi.

Semghet lill-imputat prezenti fl-awla jammetti l-akkuzi kif dedotti .

Semghet ukoll id-depozizzjoni ta' Kimberly Rollins, illi jdentifikat l-oggetti esebiti minn l-ispettur Curmi, u cioe' arlogg ta' l-idejn, tal-marka Freestyle u tlett karti tal-flus, u cioe' karta ta' hames liri u tnejn ohra taz-zewg liri, li hija jdentifikat bhala li kienu jappartjenu lilha .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni ta' l-imputat, u wara li rat l-artiklu 9 tal-Kapitlu 152, tal-Ligijiet ta' Malta .

Tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum .

Tordna wkoll li l-oggetti misruqa jigu ritornati lill-imsemmija Kimberly Rollins .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
Skrim3102Pc
358